**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 8038/2022**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Saviour Saliba**

**Illum, 5 ta' Settembru, 2024**

Il-Qorti,

Rat li l-appellanti, **Saviour Saliba** detenur tal-karta tal-identita Maltija **48371M**, gie imressaq il-qorti u akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta ' Gudikatura Kriminali talli:

1. Saq vettura Nru.GCF-917 minghajr ma kienet liċenzjata mill-Awtorita ghat-Transport f'Malta biex tintuża fit-tirq.
2. Saq vettura Nru.GCF-917 minghajr ma kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Il-Qorti kienet ġentilment mitluba illi f'kaz ta' htija l-imsemmija persuna jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu taz-zmien ta' mhux inqas minn tnax -il xahar.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar il-5 ta' Marzu 2024 fejn sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu jhallas il-multa ta' Euro 2,500 pagabbli fuq medda ta' 10 xhur b'pagamenti mensili w skwalifikatu milli jkollu jew jikseb licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' 12- il xahar u 8 ijiem.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Saviour Saliba preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-21 ta' Marzu 2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi;

- THASSAR U TIRREVOKA s-sentenza fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u minflok tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena, jew sussidjarjament, jekk din l-Onorabbli Qorti tikkonferma l-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu jew xi whud minnhom;
- TIRRIFORMA s-sentenza appellata fil-parti tal-piena inflitta u dan billi minflok timponi piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

A. Illi fl-ewwel lok, il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni dwar l-identita` tal-persuna li fil-verita` wettaq dan ir-reat.

B. Illi fit-tieni lok, l-appellant qatt ma inghata d-dritt ghall-access t'avukat jew id-dritt ghas-skiet u dan bi ksur tal-proceduri stabiliti fil-Kodici Kriminali;

C. Illi, fit-tielet lok, umilment jiġi sottomess li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi applikabbli ossia Artikolu 3(1B) tal-Kapitolu 104 tal-Lgijiet ta' Malta;

D. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-piena errogata fil-konfront tal-appellant hija waħda eċċessiva;

E. Salv aggravji ohra li jistghu jigu trattati oralment.

**A. NUQQAS T' IDENTIFIKAZZJONI TAL-IMPUTAT**

Illi fl-ewwel lok, l-Ufficjal Prosekutur certament ma gabx l-ahjar prova possibli sabiex jelimina kull dubju, jew almenu prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni dwar l-identita` tal-persuna li fil-verita` wettaq dan ir-reat.

Illi l-fatti m' humiex dawk prospettati mill-prosekuzzjoni u wisq anqas l-istess reati gew ppruvati sal-grad rikjest fil-Ligi. L-istess reati huma ta' indoli penali u ghalhekk il-prosekuzzjoni kellha, bid-dovut rispett tipprova l-istess addebiti fil-konfront tal-imputat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-azzjem tal-provi prodotti mill-prosekuzzjoni kien jirrizulta` ampjament car li ma ngabitx prova sal-grad rikjest mill-ligi in kwantu ta' l-identita' tal-imputat.

Illi fix-xhieda tal-Ufficjal tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta EO 336, xehed hekk segwenti:

| | |
|---|---|
| Prosekuzzjoni: | Taghkom xi dokumenti hu? |
| EO 336: | Id card. |
| Prosekuzzjoni: | Alright. |
| EO 336: | **ID card jew licenzja.** |
| Prosekuzzjoni: | **Dan il-persuna li waqqaft li kien qed isuq, jekk thares dawra madwarek taghrfu inti? Jekk m'intix cert, m'intix cert.** |
| EO 336: | **M'hiniex cert. M'hiniex cert.** |
| Prosekuzzjoni: | Alright. Imma l-persuna li tak, li waqqaft tak dawk id-dokumenti hux hekk? |
| EO 336: | Sorry. Sorry Dott ghax mhux narah. |
| Avukat: | Skuzani. |
| Prosekuzzjoni: | Il-persuna li waqqaft tawk, tak dawk id-dokumenti? |
| EO 336: | Tani d-dokumenti ijwa. |

Prosekuzzjoni: **Mela, tiftakar x'tip ta' dokument kien tak?**

EO 336: **Ma niftakarx jekk hux ID card jew licenzja.**

Illi ghalkemm il-prosekuzzjoni ibbazat il-provi kollha taghha fuq dan id-dettal, l-Ufficjal ikkonferma taht gurament illi lanqas kien cert mid-dokumentazzjoni prezentata mis-sewwieq. Mandankollu, l-istess Ufficjal EO 336 **naqas ukoll milli jipprezenta r-rapport tieghu u naqas milli jipprezenta kopja tal-istess dokument filwaqt illi l-akbar nuqqas f'dawn il-proceduri fl-umli fehma tad-difiza kienet illi l-Ufficjal EO 336 naqas milli jgharaf lill-imputat fl-awla.**

Illi *di piu,* fuq it-tahrika tal-kawza tal-Pulizija (charge sheet), il-Pulizija indikat ukoll lil EO 227 li allegatament kien prezenti dakinhar tal-ispezzjoni u cioe fit-23 t' Awwissu 2022. Id-difiza tirrileva illi l-Ufficjal EO 227 naqas milli jitressaq mill-Prosekuzzjoni bhala xhud f'dawn il-proceduri, kif wiehed kien jistenna sabiex ghall-inqas, jikkorabora l-verzjoni tal- Uficjal EO 336, jikkonferma l-fatti tal-kaz u jikkonferma l-identita' tal-imputat. Illi fl-umli fehma tad-difiza il-Prosekuzzjoni ghal din ir-raguni wkoll naset milli ggib l-ahjar prova possibli sabiex telimina kull dubju, jew almenu prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni dwar il-fatti tal-kaz u l-identita` tal-persuna li fil-verita` wettaq dan ir-reat.

Dwar il-problematika tal-identifikazzjoni ta' persuna minn xhud, l-appellant jghamel referenza ghal sentenza citata numru ta' drabi minn din il-Qorti, is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Stephen Zammit**" deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235), fejn il-Qorti kkunsidrat is-segwenti;

> *"il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja -* ***l-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali*** *- hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid x'mhux mehtieg u mhux x'inhu mehtieg". Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk:*
>
> *"Biex issir il-prova ta' l-identita' ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il- persuna minn*

*fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja".*

*Dik l-istess Qorti ezaminat fid-dettal din il-kwistjoni, u billi huwa rilevanti ghall-kaz odjern se jigi kkwotat in extenso. Hija fil-fatt qalet:*

*"Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil-gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal ,per ezempju, fl-ghassa tal-pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati…"*

**B. DRITTIJIET TAS-SUSPETTAT AI TERMINI TA' ARTIKOLI 543A U 543AB TAL-KAP. 9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA**

Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-appellanti jaghmel ukoll referenza ghall-fatt li fil-mument li hu twaqqaf mill-Ufficjal tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta li f'dan il-kaz ghandu jitqies bhala l-Ufficjal investigattiv, huwa qatt ma inghata d-dritt ghall-access t'avukat jew id-dritt ghas-skiet qabel ma l-appellant setgha tagha xi informazzjoni lill-istess Ufficjal.

Illi f'dan ir-rigward l-appellant umilment jghamel referenza ghal Artikolu 534A u Artikolu 543AB tal-Kodici Kriminali:

*"534A. Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu **għandhom japplikaw għal persuna mill-ħin li tkun mgħarrfa mill-Pulizija Eżekuttiva li hemm suspett li wettqet reat** (hawn*

*iżjed 'il quddiem imsejjħa bħala "persuna suspettata") u għal persuna li tinstab akkużata jew imputata li wettqet reat (hawniżjed 'il quddiem imsejjħa bħala "akkużata") sa ma jkunu konklużi l-proċeduri kriminali, inkluż, fejn hu applikabbli, l-għoti tas-sentenza u d-deċiżjoni tal-appell:"*

534AB. (1) Bla ħsara għad-dispozizzjonijiet tal-artikoli 355AC, 355AS, 392 u 445, **għandu jkun id-dmir tal-Pulizija jew tal-Qorti, skont kif ikun il-kaz, li tinforma lill-persuna suspettata jew lill-akkuzat bla ebda dewmien bid-drittijiet procedurali li gejjin:**

(a) id-dritt ta' access għal avukat;

(b) kull dritt għal parir legali mingħajr ħlas u l-kundizzjonijiet għall-kisba ta' dak il-parir;

(c) id-dritt li jkun infurmat b'mod dettaljat kif necessarju sabiex jigi salvagwardjat li jkun hemm procedura gusta u l-ezercitar effettiv tad-drittijiet tad-difiza għar- reat li jkun twettaq mill-persuna suspettata jew l- akkuzat:

Izda l-persuna suspettata jew l-akkuzat għandhom minnufih jigu infurmati dwar xi tibdil li jkun sar fl-informazzjoni li tkun ingħatat skont dan l-artikolu fejn ikun necessarju sabiex jigi salvagwardjat li jkun hemm procedura gusta;

(d) id-dritt għall-interpretazzjoni u traduzzjoni;

(e) id-dritt li jibqa sieket;

(f) id-dritt li terza persuna tigi infurmata dwar it-ticħid tal-liberta tal-persuna suspettata jew akkuzata;

(g) id-dritt li tikkomunika ma' terzi persuni u mal-awtoritajiet konsulari meta l-persuna suspettata jew akkuzata tkun imcaħħda mil-liberta tagħha;

(h) id-dritt li tkun tista' tikkonsulta ma' tabib;"

L-appellant jirrileva illi f'kawzi ohrajn fejn persuni jitressqu b'akkuzi identici, u jkunu twaqqfu minn Pulizija u mhux Ufficjal tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, l-istess Pulizija li jghatu x-xhieda taghhom kemm viva-voce jew permezz t'affidavit, jikkonfermaw jekk infurmawx lis-suspettat jew imputat bid-drittijiet skond l-artikoli 534A u 534AB sopracitati, kif ukoll jipprezentaw dokumentazzjoni biex jikkonfermaw dan

Illi f'dan il-kaz, l-Ufficjala li waqfu s-sewwieq tal-vettura nru GCF-917, bhala Ufficjala investigattivi, nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) kienu Ufficjala tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta u mhux Pulizija u ghaldaqstant skond il-prassi tal-istess Ufficjala, mhuwiex normali illi dawn l-Ufficjala jinfurmaw lil suspettat bid-drittijiet sopracitati.

Illi fix-xhieda tal- EO 336, fl-ebda punt ma semma li hu kien informa bid-drittijiet sopracitati lill-appellant, li f'dak l-istadju kien suspettat ta' reat, filwaqt illi l-istess Ufficjal naqas ukoll milli jipprezenta r-rapport tieghu fl-atti tal-kawza liema rapport setgha jinkludi aktar dettall fuq dak li gara waqt l-ispezzjoni;

Illi l-appellant umilment jirrileva illi huwa ma giex infurmat bid-drittijiet tieghu, inkluz id-dritt ta' access ghal avukat u d-dritt li jibqa' sieket nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) u ghaldaqstant qed iressaq dan l-aggravju.

L-appellant jghamel referenza ghas-setenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Pulizija vs Francesco Darmanin**" datata 6 ta' Novembru 2018 fejn il-Qorti illiberat lill-appellant minn akkuza identika ghall-ewwel akkuza li jinsab akkuzat biha l-appellant f'dan il-kaz, u cioe "talli saq l-istess vettura minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' ghat-Trasport fit-triq", fejn il-Qorti kkunsidrat is-segwenti:

> *"Dwar l-ewwel akkuza u cioe li l-appellant saq il-vettura BAB 042 minghajr ma kienet licenzjata mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta biex tintuza fit-triq jinghad li l-prosekuzzjoni tramite ix-xhud taghha Stephen Cachia irnexxilha tipprova li l-vettura in kwistjoni kellha l-licenzja taghha skaduta u dan b'effett mid-29 ta' Frar,*

*2016 u ghalhekk fil-jum meta instabet mahbuta fic-cint ma kellhiex road license valida.*

*Pero' il-prosekuzzjoni ma setghetx tieqaf hem, kellha wkoll tipprova li kien l-appellant u hadd iktar li kien qed isuq din il-vettura. Il-Prosekuzzjoni irnexxilha tipprova li l-vettura hija registraa f'isem Epuras Christian Florin li ma xehdx f dawn il-proceduri. Irnexxilha tipprova li dakinhar giet imsejha fuq il-post WPS 224 minn persuna li baqa' anonimu u marret fuq il-post u sabet lill-appellant fil-vettura nofs barra u nofs gewwa.*

***L-appellant ma kienx obbligat li jghati informazzjoni lil prosekuzzjoni dwar kif sehh l-incident u m'hemmx dubbju li dak li seta' qal lill ufficjal investigattiv qed jigi injorat stante li tali informazjoni ittiehdet minghajr il-kawteli li tipprovdi l-ligi u cioe' minghajr ma ingahta d-dritt ta' asssitenza kif rikjest mid-Direttiva 2013/48 kif inkorporata fil-ligi taghna bl-Att LV tas-sena 2016. Ili din lewwel akkuza mhux provata."***

## C. APPREZZAMENT ZBALJAT TAL-LIGI APPLIKABBLI

Illi, fit-tielet lok, jiġi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-liġi applikabbli;

Illi, l-appellant ma kienx is-sid ta' talli vettura iżda kien propja Darryl Camilleri s-sid ta' talli vettura u dan kif saħansitra ġie konfermat mil-affidavit ta' Stephen Cachia, liema affidavit ġie preżentat mill-prosekuzzjoni;

Illi, l-appellant saq din il-vettura propju darba biss u ma kienx f' pożizzjoni sabiex jikkonferma jekk talli vettura kinitx koperta b'licenzja u aktar b'polza ta' assigurazzjoni;

Illi, kien jispetta lil Darryl Camilleri jaċċerta ruħu li l-vettura kienet kopert bi polza ta' sigurta qabel ma ta il kunsens tiegħu sabiex il-karozza tintuża minn l-appellant;

Illi, l-prosekuzzjoni kellha tressaq lil Darryl Camilleri sabiex jispjega lil Qorti jekk il-vettura kinitx koperta b'polza ta' assigurazzjoni u licenzja u jekk le, sabiex jghati r-raġunijiet wara talli nuqqas. Illi *di piu,* li kieku Darryl Camilleri tressaq bhala xhud mill-Prosekuzzjoni, setgha wkoll jispjega c-cirkostanzi ta' kif il-vettura allegatament spiccat misjuqa mill-akkuzat;

Illi, l-appellant kellu żvantaġġ f' talli proċeduri, hekk kif hu ma setgħax iġib il-provi rikjesti mil-liġi sabiex jillibera ruħu mill-akkużi preżentati, hekk mhux biss ghaliex hu mhuwiex is-sid ta' talli vettura, imma wkoll stante li s-sid tal-vettura wkoll kellu proceduri kontrih, liema proceduri saru wara l-kawza tal-appellant u gie liberat mill-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu;

Illi, l-appellant qed jibbaza id-difiża tiegħu in linja mal- artikolu 3(1B) tal-kapitolu 104 tal-liġijiet ta' Malta, liema artikolu jipprovdi diviża mill-akkużi preżentati skont Artikolu 3(1) tal-kapitolu tal-liġijiet ta' Malta.

Illi, l-artikolu 3(1B) tal-kapitolu 104 tal-liġijiet ta' Malta jisħaq is-seġwenti:

> *'Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is- sub-artikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir'*

Illi, mill-fatti prezentati quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti johrog bic-car li l-appellant ma kienx a konoxxenza tal-fatt li l-vettura ma kinitx koperta b'polza tal-assigurazzjoni u licenzja u hija biss r-responsabiltà' ta sid l-vettura sabiex jaċċerta ruħu li l-vettura tkun koperta b'polza ta assikurazzjoni kontra r-riskju ta' terzi persuni.

Illi, dan ħsieb ġie kondiviz ukoll mil-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza ricenti ta' nhar it-8 ta' Frar 2024 fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Francesco Farrugia</u>** preseduta mill-Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, fejn permezz ta' din is-sentenza l-Qorti kkunsidrat is-segwenti:

> *"Dwar ir-raba akkuża u ċioe li huwa saq l-vettura ta' Anthony Saliba numru ta' reġistrazzjoni CCJ 238 meta ma kienx kopert b'polza ta' sigurta kontra r-riskju ta' terzi persuni din il-Qorti tagħmel referenza għad-difiża*

*msemmija fil-liġi stess fl-artikolu 3(1B) tal-kapitolu 104 li jgħid illi:-*

*'it shall be a valid defence in prosecution for an offence under subarticle (1) for the defendant to prove that the offence was coomitted without his knowledge and that he exercised all due diligence to prevent the commision of the offence.'*

Illi f'dan il-każ jidher li kienet omm it-tfajla tiegħu ċertu Jacqueline Saliba li silfet il-vettura ta' missierha lill-appellant u dan peress li hija għandha il-prokura tal-ħwejjeġ ta' missierha Anthony fosthom ta' din il-vettura. Għalhekk kien jispetta lil din Jacqueline taċċerta ruħha li l-vettura kienet kopert bi polza ta' sigurta qabel ma tat il-kunsens tagħha sabiex il-karozza tintuża minn l-appellant. Il-prosekuzzjoni għandha tressaq lil din Jacqueline Saliba il-Qorti u takkuża lilha talli silfet karozza numru ta' reġistrazzjoni CCJ 238 lil Francesco Farrugia meta din ma kienitx koperta bi polza ta' sigurta kontra terzi persuni.

**Għalhekk din il-Qorti ma hiex konvinta li l-appellant kien jaf li l-vettura ma kienitx koperta b'tali polza** stante li kienet omm l-għarusa stess li tathielu biex isuqha u konsegwentement kuntrarjament għall-ewwel Qorti ma hiex ser issibu ħati tagħha. Ili għalhekk din il-Qorti kuntrarjament għall-ewwel Qorti qegħda issib lill-appellant ħati tal-ewwel tlett akkużi u fit-tieni akkuża bħal ewwel Qorti qed issibu ħati ta' reat involut u kompriża fir-reat ta' sewqan bla kont u ċioe ta' sewqan traskurat. Mhux qed issibu ħati tar-raba' akkuża u għalhekk ser ikun hemm temperament fil-piena.

Din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "**Il-Pulizija vs Francesco Farrugia**" sabet l-imputat mhux hati tar-raba akkuza u cioe li ma kienx kopert b'polza ta' sigurta kontra r-riskju ta' terzi persuni u ghal din ir-raguni varjat il-piena nflitta billi kkundannat lill-imputat ghal piena ta' mitejn euro (€200) u ordnat l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan għal perjodu ta' tmint ijiem.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-każ.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw il-kawża u dan fis-seduta tal- 11 ta' Lulju 2024.

**Ikkunsidrat,**

Din il-Qorti hija Qorti ta' revizjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u għalhekk ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Kif ritenut fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **il-Pulizja vs Julian Genovese**:[1]

> *"hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta din il-Qorti (kemm fil-kaz ta appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll filkaz ta appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti* ***ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha.*** *Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti,* ***izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.*** *Jekk izda din il-Qorti tasal ghallkonkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni*

[1] Appell Numru 141/2008 deciz nhar il-31 ta' Lulju, 2008.

(ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appelli Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[2]" [12.5.1994]; "**Ir-Repubblika ta 'Malta vs. George Azzopardi**[3]" [14.2.1989]; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]" [31.5.1991]; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" [31.5.1991] u ohrajn.)

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi għal dak li ngħad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawza "**R. v. Cooper**[6]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968)

> *assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury s verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed."*[7]

Jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, diment li ma jkunx hemm raġuni valida. L-appellant jista 'ma jaqbilx mal-konkluzjonijiet tal-Ewwel Qorti, madanakollu dan mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

---

[2] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-12 ta 'Mejju, 1994.
[3] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta 'Frar, 1989.
[4] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta 'Mejju, 1991.
[5] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-31 ta 'Mejju, 1991.
[6] [1969] 1 QB 276.
[7] Ara wkoll Blackstone's Criminal Practice (1991), p. 1392.

**Ikkunsidrat,**

Illi l-**ewwel aggravju** tal-appellant huwa li ma saritx l-identifikazzjoni mehtiega tal-appellant (allura imputat) bhala l-persuna li dwarha nghatat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u li ghalhekk huwa l-awtur tar-reat;

Din il-Qorti jidrilha illi sabiex hija tiddeciedi dwar dan l-aggravju bhala Qorti ta' revizjoni ghandha s-setgha li tara jekk l-Ewwel Qorti setghetx legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni milhuqa minnha fis-sentenza taghha. Biex taghmel dan ix-xoghol ta' revizjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti migjuba quddiem il-Qorti tal-Magistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Magistrati setghetx tasal ghall-konkluzjonijiet taghha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Ligi.[8]

Illi dan hu kaz sommarju u l-unici provi li saru huma l-affidavit ta' **Stephen Cachia**[9] u x-xhieda viva voce ta' **EO336**[10] xejn izjed, la min-naha tal-prosekuzzjoni. Id-difiza kif kellha kul drit ghazlet li ma tressaq l-ebda provi.

Fl-affidavit tiegħu **Stephen Cachia**[11] kkonferma bil-ġurament fl-20 t'April 2023 li minn indagni li ghamel fir-rekords tal-Awtorita' irrizulta li l-vettura bin-numru ta' registrazjoni GCF 917 tal-marka Citroen Panel Van fit-23 t'Awwissu 2022, kienet registrata fuq Darryl Camilleri detentur tal-karta tal-identita' numru 371891M. Jghid

[8] Ara wkoll, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta 'Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Paul Hili**, 19 ta ' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Etienne Carter**, 14 ta 'Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta 'Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Godfrey Lopez u Ir-Repubblika ta 'Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta 'April 2003; **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak**, 23 ta 'Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta ' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta 'Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta 'Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta 'Malta vs Ivan Gatt,** 1 ta ' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta 'Malta vs George Azzopardi,** 14 ta 'Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta 'Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta 'Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta 'April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta 'Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta 'Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et,** 12 ta 'Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta 'Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta ' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta 'Mejju 1991

[9] fol.4 tal-proċess

[10] fol.7 tal-proċess

[11] fol.4 tal-proċess

ukoll li din il-vettura ilha rregistrata hekk sa mid-19 t'Awwissu 2020 u li l-licenzja tal-vettura skadiet fil-31 ta' Lulju 2022 u giet rinovata fil-25 t'Awwissu 2022.

Fix-xhieda tieghu moghtija fil-5 ta' Marzu 2024 l-**EO336**[12] jghid illi fit-23 t'Awwissu tas-sena 2022 ghall-habta tat-8:24am kien *spot check* fi Triq John Adye gewwa n-Naxxar meta ra karoxxa bin-numru ta' registrazzjoni GCF 917, bil-licenzja "*maghluqa*" tal-windscreen. Jghid li huwa waqqaf lix-xufier u ccekja mal-*control room* li ukoll qalulu li "*kellu kollox maghluq*". Jghid li spjega lix-xufier li li l-vettura kienet se tigi ttowjata. Jispjega ukoll li x-xufier kien cempel lil sid il-vettura sabiex jghidlu x'gara u li s-sid gie fuq il-post u ntqal lilu sabiex imur ihallas l-assigurazzjoni u wara jmur Transport Malta. Meta mistoqsi jghid x-xufier kien Saviour Saliba bin-numru tal-karta tal-identita' 0048371M li ma kienx sid il-vettura, u ikkonferma li d-dettalji ttiehdu mid-dokumenti ta' identita jew licenzja li ntalbu lix-xufier meta dan twaqqaf. Mistoqsi hux jgharaf lix-xufier fl-awla huwa jwiegeb fin-negattiv. Jghid pero li dak inhar tal-incident tqabbel d-dokument ta' identita' jew licenzja ma' wicc ix-xufier.

Huwa l-**artikolu 648 tal-Kodici Kriminali** li jitkellem dwar l-identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat f'Qorti. Huwa evidenti li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi.[13] Di fatti l-artikolu hu redatt fin-negattiv, fis-sens li jghid x'mhux mehtieg u mhux x'inhu mehtieg.[14] Din id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk:

> '*Biex issir il-prova ta' l-identita' ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg,* ***<u>bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il-persuna minn fost persuni ohra</u>****, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta*

[12] fol.7 tal-proċess
[13] Qorti tal-Appell Kriminali, **<u>Ir-Repubblika ta' Malta v. Marco Pace</u>** deciza fis-7 ta' Novembru 2005.
Qorti tal-Appell Kriminali, **<u>Il-Pulizija vs Emanuel (Noel) Zammit</u>** deciza nhar fil-5 ta ' Dicembru, 2019.
[14] Qorti tal-Appell Kriminali, **<u>Il-Pulizija vs Stephen Zammit</u>** deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235).

*l-qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja'. (sottolinear ta' din il-Qorti)*

L-appellant jikteb fit-tul fuq l-identifikazzjoni jsemmi id-deċiżjoni tal-Appell Kriminali tas-16 ta' Lulju 1998 dwar l-identifikazzjoni.[15] Din il-Qorti tabbracca dak li qalet din il-Qorti diveresament preseduta fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Gary Grech[16]** meta qalet li *"bir-rispett kollu, għalkemm dik il-Qorti ipperorat fit-tul dwar l-identifikazzjoni, il-qofol ta' dik is-sentenza kien li tnejn min-nies kienu identifikaw l-allegat persuna li għamlet ir-reat permezz ta' ritratt li raw flimkien."* Ghaldaqstant, din il-Qorti ssostni illi kull kaz ghandu jigi ttrattat b'mod individwali.

Kif qalet din il-Qorti diversament presduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmelo Fenech[17]** **"***Prova ta' l-identita` tal-persuna ma tfissirx unikament identifikazzjoni tal-persuna minn wiccu."* Huwa minnu ukoll illi n-numru tal-karta ta' l-identita' isservi biss bħala t-tielet mezz ta' identifikazzjoni. Kif qalet din il-Qorti diversament presduta fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. David Saliba) Vs John Cassar[18]:**

*"Il-Qorti qieset dan li ġej:*

*(a) Il-Kap 9 ma jirrikjedix din l-identifikazzjoni espressament;*

*(b) li f'dan il-każ l-appellat imputat jew id-difiża tiegħu ma qajmet ebda reazzjoni dwar dan waqt li kien qed jinstema' x-xhud.*

*(ċ) Barra minn hekk, waqt is-smigħ ta' kawża, fl-Awla jkun hemm min ikun ġie mħarrek partikolarment meta jissejjaħ il-każ.*

*(d) Fuq kollox, l-aktar importanti huma li wieħed iwieġeb għas-sejħa u l-konnotati u mhux li wieħed ikun identifikat. Jista' jmur spettur ta' xi dipartiment – hu li hu - li jieħu l-particulars (kif sar f'dan il-każ) iżda li mhux bilfors jagħraf personalment lill-persuna partikolari meta dan jidher flAwla għax ikun għadda xi ftit taż-żmien, jew*

[15] Qorti tal-Appell Kriminali, **Il-Pulizija vs Stephen Zammit** deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235).
[16] Appell Kriminali Numru. 213/2010, deciz fis-6 ta' Gunju, 2011
[17] Appell Kriminali Numru. 204/2004, deciz fit-8 ta' Frar, 2005
[18] deciz fid-19 ta' Settembru, 2011

*għax ikollu mitt każ ieħor tal-istess xorta jew għax il-memorja ma twassalx. Hawn bilfors ikollu jistrieħ fuq il-karti.*

*(e) Fl-aħħarnett, - u dan qed jingħad biss super abundantia cautela - din il-Qorti semgħet il-provi ex novo. U din id-darba ma kienx hemm dubju dwar min kien involut fl-allegati reati.*

*Għalhekk il-Qorti qed tiċħad is-sottomissjoni tad-difiża li għax ma saritx l-identifikazzjoni allura l-imputat għandu jkun liberat. Qed tiċħad ukoll is-sottomissjoni tad-difiża, li skont hi, 'ma tistax tissana żball li sar quddiem l-Ewwel Qorti'. Hemm differenza enormi bejn li xhud ma jagħrafx lil min aggredih jew iffrodah. Hawn l-identifikazzjoni hija importanti. Iżda f'każi bħal dawk ta' llum – jiġifieri ta' bixra amministrattiva u li huma intiżi biex joffru protezzjoni lillħaddiem u liċ-ċittadin – is-sitwazzjoni hija għal kollox differenti. Dan ma jfissirx li l-Prosekuzzjoni tista' taqbad u twaħħal f'dak jew fl-ieħor u ġġib quddiem il-Qorti nies li m'għandhomx x'jaqsmu. Kieku jsir hekk ir-reazzjoni hawn tkun waħda loġika u naturali : jien x'għandi x'naqsam? M'hemm xejn f'dan il-proċess li sar hekk. F'dan il-każ in-nuqqas ta' identifikazzjoni – jekk tassew din ma saritx - ma twassal għall-ebda liberazzjoni*

Jirriżulta li l-konnotati li ngħaddew mill-persuna mwaqfa fit-23 t'Awwissu tas-sena 2022, lill-**EO336** meta riskontrati ma' dokument t'identifikazzjoni, *sia* karta tal-identita' jew liċenzja tas-sewqan, u meta mqabbla ma' dawk mogħtija fiċ-ċitazzjoni maħruġa kontra l-appellant odjern huma identiċi. Fil-mertu, ix-xhieda tal-**EO336** hija ċara biżżejjed u ma kienet kontradetta jew michuda minn hadd. Din il-Qorti hi tal-fehma li kien l-appellant li kien qed isuq din il-vettura u ta' min hi ma tbiddel xejn.

Għar-rigward tat-**tieni aggravju** l-appellant jilmenta li qatt ma inghata d-dritt ghall-access t'avukat jew id-dritt ghas-skiet u dan bi ksur tal-proceduri stabiliti fil-Kodici Kriminali. Għal kull buon fini, din il-Qorti tinnota li dan il-punt lanqas biss tqajjem quddiem l-Ewwel Qorti.

Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fit-22 ta 'Jannar 2019 fl-ismijiet **<u>Ana SRŠEN v. Croatia</u>** (Numru 30305/13) fejn il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem qalet hekk:

*42. The Court observes that in the present case the applicant was not formally arrested or interrogated in police custody (see Aleksandr Zaichenko v. Russia, no. 39660/02, § 47, 18 February 2010). There is no indication that the applicant was not free to leave and the circumstances of the case do not disclose any significant curtailment of the*

*applicant s freedom of action, which could be sufficient for activating requirement for legal assistance already at this stage of the proceedings.*

Ghandu jigi mfakkar dak li ddecidiet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza **Alexander Zaichenko vs Russia**[19]**:**

> *The Court reiterates that in criminal matters, Article 6 of the Convention comes into play as soon as the person is "charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court, such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when the preliminary investigations were opened. Charge for the purposes of article 6(1) may be defined as the official notification given to an individual by the competent authority of an allegation that he has committed a criminal offence" a definition that also corresponds to the test whether the situation of the person has been substantially affected."*

Dan ghandu jkun ikkunsidrat fid-dawl ta 'dak li jiddisponi l-**artikolu 366E tal-Kodici Kriminali:**

> *366E. (1) Persuni suspettati u akkużati għandu jkollhom id-drittli jibqgħu siekta fir-rigward tar-reat kriminali li huma suspettati jewakkużati li wettqu u għandu jkollhom id-dritt li ma jinkriminawx ruħhom*

Ma jirriżulta minn imkien fl-atti proċesswali illi l-appellant ġie interrogat jew li sarulu dawn il-mistoqsijiet li setgħu jilledu d-dritt tiegħu għal assistenza legali. Di fatti jirriżulta biss illi l-appellant intalab jipprovdi biss dokumenti t'identifikazzjoni.

Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija Spettur Paul Bond vs Karmenu Debono**[20] fejn din il-Qorti kkunsidrat li:

> *'L-obbligu tal-pulizija illi jaghtu twissija lill-persuna li jkunu qeghdin jinvestigaw jirresali meta jkun hemm arrest u cioé "a deprivation of liberty". **Hawnhekk ghandna kaz ta roadside interview" fejn ma hemmx arrest u l-pulizija qeghdin jaghmlu l-ewwel indagni fejn deherilhom illi sar ksur ta xi regolamenti tat-traffiku.** F dan il-kaz ma hemmx ghalfejn illi jkun hemm twissijiet u l-pulizija jistghu jinvestigaw kif normalment isir u wkoll jirregistraw dak illi jkun intqal lilhom mill-persuna li allegatament tkun qed twettaq il-ksur. **Ghalhekk f dan il-kaz ilpulizija***

[19] Deciza nhar it-18 ta 'Frar, 2010

[20] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Marzu, 2015 (Appell Kriminali Numru: 266/2014)

***ma kellhom l-ebda obbigu sabiex jaghtu xi twissija lill-appellant li min-naha tieghu kien obbligat iwiegeb ghad-domandi li kienu qeghdin jaghmlulu l-pulizija***.' *(Enfasi miżjuda)*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. Tony Cachia) Vs Mark Scicluna**[21] gie kkunsidrat li:

*'Ghal dak li jirrigwarda t-twissija, din il-Qorti ma taqbel xejn ma l-appellant. Jibda biex jinghad illi t-twissija formali ghandha tinghata biss meta l-persuna tkun taht arrest. Ghal dak li jirrigwarda roadside interviews", il-persuna ma tkunx taht arrest u l-Pulizija tkun qeghdha prezenti biss biex tistabbilixxi l-fatti u tiehu l-verzjoni tal-partijiet involuti fl-incident. Fl-ebda hin dawn il-partijiet ma jkunu taht arrest, ghad illi ovvjament jekk ma jikkooperawx malPulizija jistghu jinstabu hatja ta affarijiet ohra, bhal li naqsu illi jaghu l-particulars lil Pulizija, izda mhux ta harba minn arrest. Madankollu, minkejja illi d-dikjarazzjonijiet maghmluha minn persuna waqt roadside interview" m ghandiex ghalfejn tkun soggetta ghal twissija minn naha tal-Pulizija li jkun qed jinvestiga l-incident, dikjarazzjoni tali jridu jittiehdu b certu kawtela u jrid isir ezercizzju biex jigi determinat kemm hija soda l-prova migjuba mill-Pulizija f dawk iccirkostanzi.*

*Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal kawza deciza mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Umani fil-kawza, fl- ismijiet Aleksander Zaichenko vs Russia deciza fit-18 ta Frar ta l-2010 (Case number 39660/02) fejn fost affarijiet ohra l-Qorti qalet In some, the evidence available to the Court supports the claim that the applicants pre trial admission, whether directly self incriminating or not, was used in the proceedings in a manner which sought to incriminate him. In the Court s view, statements obtained in the absence of procedural guarantees, should be treated with caution (Lutsenko vs Ukraine, number 30663/04 18th December 2008).*

*Hence, what remains to be determined is whether the criminal proceedings against the applicant, can be considered fair on account of the use made of the applicants pre trial admission. Regard must be had to whether the rights of the defence had been respected and whether the applicant was given the opportunity of challenging the authenticity of the evidence and of opposing its use. In addition, the quality of the evidence must be taken into consideration, including whether the circumstances in which it was obtained casted out on a its liability or accuracy."*

*Dan huwa lkriterju li l-Qorti ghandha tuza f dan il-kaz u jkun assurd li kull darba li l- Pulizija tikkonduci road side interview" toqghod tesigi lil dak li jkun icempel lil avukat sabiex jigi fuq il-post sakemm isir dan l-interview. Kif ga inghad, la l-persuna ma tkunx taht arrest, quindi ma ghandux id-dritt li jkollu mieghu avukat dak il-hin, pero d-dikjarazzjonijiet moghtija minn dik il-persuna, ghandhom jittiehdu b certa*

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-23 ta' Jannar, 2014 (Appell Kriminali Numru: 250/2013)

*kawtela mehud in konsiderazzjoni dak li ghadu kif inghad fil-kawza Aleksander Zaichenko vs Russia". F dan il-kaz ma hemmx dubju li x-xhieda talPulizja hija wara veritjera u soda u l-Qorti tista toqghod fuqha. Barra minnhekk, id- drittijiet tad-difiza gew irrispettati u l-appellant nghata l- opportunita sabiex jikkuntesta l-awtenticita tal-provi migjuba u sabiex jopponija. Il-Qorti ghandha tieghu ukoll in konsiderazzjoni l-kwalita tal-prova, inkluz ic-cirkostanzi li nghatat setghatx titfa xi dubju fuq l-ezattezza taghha*

Din il-Qorti taghmel referenza ghad-DIRETTIVA 2013/48/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL tat- 22 ta 'Ottubru 2013 dwar id-dritt ta 'access għasservizzi ta 'avukat fi procedimenti kriminali u fi procedimenti ta 'mandat ta ' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tigi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-liberta' u d-dritt għal komunikazzjoni ma 'partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul ic-caħda talliberta', senjatament ghal paragragu sbatax (17) tal-preambolu ta' din id-Direttiva li jaqra':

*'F xi Stati Membri certi reati minuri, b mod partikolari reati minuri tat-traffiku, reati minuri fir-rigward ta regolamenti municipali generali u ksur minuri tal-ordni pubbliku, jitqiesu bħala reati kriminali. F sitwazzjonijiet bħal dawn, ikun mhux ragonevoli li lawtoritajiet kompetenti jkunu meħtiega jizguraw id-drittijiet kollha skont din id- Direttiva. <u>Fejn il-ligi ta_Stat Membru tipprevedi fir- rigward ta_reati minuri li ma tistax tkun imposta c-caħda tal-libertà bħala sanzjoni</u>, din id-Direttiva għandha għalhekk tapplika biss għallprocedimenti quddiem qorti li jkollha gurisdizzjoni f materji kriminali.' (Sottolinear mizjud)*

Filwaqt li fil-paragrafu wiehed u ghoxrin (21) tal-preambolu ta' din id-Direttiva jinghad li:

*Fejn persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkużata, bħal xhud, issir persuna suspettata jew akkuzata, dik il-persuna għandha tigi protetta mill-awtoinkriminazzjoni u jkollha d-dritt li tibqa siekta, kif ikkonfermat mill-gurisprudenza tal-Qorti Ewropea tadDrittijiet tal-Bniedem. Għalhekk din id-Direttiva tagħmel referenza esplicita għassitwazzjoni prattika fejn tali persuna ssir persuna suspettata jew akkużata, matul linterrogazzjoni mill-pulizija jew awtorita oħra tal-infurzar tal-ligi jew gudizzjarja filkuntest tal-procedimenti kriminali. Fejn, matul tali interrogazzjoni, persuna li ma tkunx persuna suspettata jew akkuzata ssir persuna suspettata jew akkuzata, l-interrogazzjoni għandha tigi sospiza minnufih.*

*Madankollu, għandu jkun possibbli li l-interrogazzjoni titkompla jekk il-persuna kkoncernata tkun giet infurmata li hija persuna suspettata jew akkużata u tkun tista tezercita b mod sħiħ id-drittijiet stipulati f din id-Direttiva.* '

L-artikolu 3(2) ta' din id-Direttiva jipprovdi li:

'*Il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom access għas-servizzi ta avukat mingħajr dewmien zejjed. Fi kwalunkwe kaz, il-persuni suspettati jew akkużati għandu jkollhom id-dritt ta aċcess għas-servizzi ta avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li gejjin:*
*(a) qabel ma jigu interrogati mill-pulizija jew minn awtorita oħra tal-infurzar tal-ligi jew gudizzjarja;*
*(b) mat-twettiq minn awtorita ta investigazzjoni jew awtorita kompetenti oħra ta att investigattivi jew att ieħor ta gbir ta provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;*
*(c) mingħajr dewmien zejjed wara c-caħda tal-liberta;*
*(d) fejn gew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha gurisdizzjoni f materji kriminali, fi zmien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.*'

F'dan ir-rigward, mal-mument illi twaqqaf u gie infurmat illi l-vettura se tigi ttowjata għaliex kellha il-liċenzja magħluqha, gia kien hemm suspett li l-appellant kiser il-ligi u kkommeta reat. Tenut kont tal-fatt li taht il-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, r-reati li taghhom gie akkuzat huma punibbli bi prigunerija, l-appellant bhala suspettat kellu jinghata d-drittijiet kollha inkluz id-dritt ta' access ghall-Avukat. Mill-atti minn imkien ma jirrizulta li huwa inghata d-dritt li jikkonsulta u jkollu Avukat prezenti, tant li ma giet prezentata l-ebda dikjarazzjoni ta' rifjut tal-Avukat.

Ghaldaqstant, din il-Qorti minghajr ma tidhol fil-kwistjoni dwar jekk giex lez id-dritt fundamentali tal-appellant u tenut kont ta 'dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti ser tilqa 'limitatament t-tieni aggravju u tqis li ghandha tiskarta dak li stqarr l-appellant *a tempo vergine* meta mitkellem mill-uffiċjali ta' Transport Malta u ghalhekk kwalunkwe referenza fl-atti inkluz minn xhieda ghal dak li stqarr l-appellant hija wkoll inammissibli.

**<u>Ikkunsidrat;</u>**

Illi, it-**tielet** aggravju, jirrigwarda l-apprezzament żbaljat tal-liġi applikabbli ossia Artikolu 3(1B) tal-Kapitolu 104 tal-Lgijiet ta' Malta;

Illi kif qalet il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija Vs Henry Grixti</u>**[22]:

> *Tul is-snin kien hemm deċiżjonijiet li jidhru kemmxejn konfliġġenti mill-qrati tagħna dwar x interpretazzjoni għandha tingħata lid-disposizzjonijiet ta l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta Malta, liema artikolu tal-liġi jikkontempla ir-reat ta sewqan mingħajr kopertura ta assigurazzjoni u li jiddisponi illi:–*
>
> > ***Bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta din l-Ordinanza, ħadd ma jista juża jew iġiegħel jew iħalli lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont ilkaż, ma tkunx isseħħ polza ta assigurazzjoni dwar ir-riskji ta terzi persuni, skont id-disposizzjonijiet ta din l-Ordinanza.***
>
> *Illi, pero il-leġislatur ma waqafx hemmhekk u xeħet il-piż tal-prova fuq l-persuna mputata biex jeżimi ruħu mir-responsabbilta penali dwar din l-infrazjoni tal-liġi meta iddispona fis-sub-artikoli (1A) u (1B) ta l-istess artikolu illi:–*
>
> > ***(1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).***
> >
> > ***(1B) Tista tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr***

[22] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-27 ta 'Ottubru 2023 (Appell Nru: 51/2023)

***ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.***

*Illi, ukoll l-artikolu 4(4) ta l-istess Att jipprovdi hekk:*

***Polza ta assigurazzjoni ma għandha ebda effett għall-finijiet ta din lOrdinanza kemm-il darba u sakemm ma jiġix maħruġ mill-assiguratur awtorizzat favur il-persuna li ħadet il-polza, ċertifikat (hawnhekk iżjed il quddiem imsemmi "ċertifikat ta assigurazzjoni") fil-forma stabbilita; u meta l-polza ta assigurazzjoni tkun ċertifikat internazzjonali ta assigurazzjoni, dak iċ-ċertifikat internazzjonali għandu, għall-finijiet kollha ta din lOrdinanza ħlief meta r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort oħra, ikun iċċertifikat ta assigurazzjoni meħtieġ li jinħareġ taħt dan is-subartikolu.***

*Illi, huwa evidenti minn qari ta din id-disposizzjoni tal-liġi illi għandha tirriżulta irreita kull meta ma jkunx hemm fis-seħħ favur il-persuna imputata bir-reat taħt lArtikolu 3 polza ta l-assigurazzjoni. Il-leġislatur, imbagħad, iqiegħed fuq l-ispalla talpersuna akkużata l-ħtieġa li huwa jeżonera ruħu mir-responsabbilta kriminali meta allura għandu jgib prova illi l-vettura hija koperta b polza ta l-assikurazzjoni dwar irriskji ta terzi persuni u dan billi juri li hemm fuq saqajh ċertifikat ta l-assigurazzjoni maħruġ fit-termini ta l-artikolu 4(4) ta l-Ordinanza favur tiegħu.*

In fatti, fid-dibattiti tal-deputati ta 'nhar it-13 ta 'Novembru 2002, f'liema dibattiti gew diskussi lintroduzzjoni tal-Artikoli 3(1A) u 3(1B) tal-Kapitolu 104, liema Artikoli dahlu fis-sehh permezz tal-Att XXX tal-2002, il-Ministru ghat-Transport u Komunikazzjoni ta 'dak izzmien **Censu Galea** accena ghall-bzonn li *jigi assigurat li kull persuna li tkun qed issuq jkollha insurance cover".*[23]

[23] Kamra tad-Deputati, Rapport Ufficjali u Rivedut, Id-disa 'Parlament, Laqgha numru 814, l-Erbgha, 13 ta 'Novembru 2002.

Illi kif qalet din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Nicholas Vella) vs. Moira Micallef**[24]**:**

*"Kwindi anke l-legislatur wera bic-car l-intenzjoni tieghu li l-obbligu li jigi zgurat li hemm polza ta  assigurazzjoni li tkopri l-uzu ta  vettura huwa propju fuq is-sewwieq ta  dik il-vettura u fuq hadd izjed.*

*Illi huwa minnu li l-ligi taht il-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta  Malta hija ntiza qabel kollox sabiex tipprotegi l-interessi ta  terzi persuni u huwa minnu ukoll li l-assigurazzjoni hija dejjem marbuta taghmel tajjeb ghad-dejn civili favur terzi persuni skont il-ligi. Madanakollu, dan ma jfissirx li sewwieq huwa ezentat mill-obbligi tieghu taht ilKapitolu 104 tal-Ligijiet ta  Malta."*

Illi l-pozizzjoni fil-ligi u l-Qrati Inglizi hi hekk ukoll. Di fatti kif jghid l-ARCHBOLD[25] fl-osservazzjonijiet tieghu fuq dar-reat analogu tal-ligi Ingliza:-

*The Prosecution has to prove that the defendant used a vehicle on the road. Once that is established, it is for defendant to prove that there was a valid policy of insurance in force at the time:* ***Philcox vs. Carberry****"*[26]

Illi saret f 'dik is-sentenza riferenza ukoll ghall Criminal Law Review, 1960 li b ' riferenza ghal din is-sentenza fuq citata , kkumenta hekk :-

*It is an established rule of evidence that where the truth of the party s allegation lies peculiarly within the knowledge of his opponent , the burden of disproving it lies upon the latter.*[27]*" In the Criminal Law, it is submitted that the rule should be confined to cases where it is an offence to do some act in the absence of a licence or permission and similar cases . It was stated by Talbot J., obiter , in* ***Williams v. Russell***[28]*, that on a charge of using a motor vehicle without there being in force a policy of insurance , the onus was on the accused to prove he had a policy. This would seem, with respect, a proper application of the principle and is confirmed by the present case ."*

---

24 Deciza mill- Qorti tal-Appell Kriminali, fit-28 ta 'Marzu, 2023 (Appell Numru: 483 / 2022 )
25 Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1998 , London, Sweet & Maxwell , p.2417
26 [1960] Crim. L.R. 563
27 {Halsbury's Laws of England , 3rd. ed. Vol.15 ,270
28 (1933) 149 L.T.190

Imbaghad BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE[29] jghid:

> *In the case of driving without a licence, it is for the accused driver to prove that he is insured . **(Williams v. Russell**[30]; **Philcox v. Carberry**[31])*

Ghalhekk l-appellat kellux ragun meta jghid li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata fl-interpretazzjoni taghha. In vista tal-motivi kollha suesposti, dan l-aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

Illi mill-provi prodotti eskluz dak li stqar l-appellant *a tempo vergine* l-akkuzi jirrizultaw provati minn xhieda ohra u cioe mix-xhieda tar-rappresentant tat Transport Malta li ma gietx kontradetta minn hadd u mill-fatt likienl-appellant li gie imwaqqaf meta kien qed isuq fi triq pubblika u ghalhekk fir-rigward tal-mertu is-sentenza qed tigi konfermata.

**Ikkunsidrat;**

Illi, finalment, l-appellant jeċċepixxi ukoll li l-piena erogata fil-konfront tal-appellant hija waħda eċċessiva. Il-principju regolatur in materja ta' piena huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat.[32] Minn ezami ta 'l-artikoli relevanti tal-Kodici Kriminali jirrizulta li l-piena nflitta taqa 'fil-parametri tal-ligi.

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qeghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti fir-rigward ta 'mertu u piena .

---

[29] (1992) [Blackstone Press Limited , p.1788

[30] [1933] 149 LT 190

[31] [1960] Crim. L.R. 563

[32] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et, 2 ta' Ottubru 2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano, 13 ta' Novembru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella, 14 ta' Gunju 1999; Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003.

Tordna li kopja ta din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tat-Transport Malta.

**Dr Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**